# Kliem Malti li f'Ilsna oħra ta' l-Ewropa aktarx m'hemmx il-kelma li taqbel miegħu.

BAKKAR.—Qam kmieni, qam qabel ma sebaħ. *Diluculo surgo. To rise up early in the morning. Levarsi di buon ora.* Mill-verb ewlieni: Bakar, *anteverto, praevenio,* ħareġ l-ewwel frott tas-sena. Eż: *It-tuffieħ jobkor kmieni dis-sena.* Nomi:bkur, bakkâr (aġent). bkurija (astratt), bikri (aġġ. & avverb.) Eż. *It-tin bikri. Wasal bikri. Bokra,* Qawmien kmieni. *Tibkir, tbakkir* (Nomi astratti verb.). Qabbel il-Għarbi: Bakar, bakkar, *to rise up early in the morning, to hasten to go; to go early, to visit a. o. early in the morning.* Bikr. *first-born, first fruits.* Bukra(h), *day break, early in the morning.* Bikrija, *primogeniture, precacious.* Bakîr, *precocius.* Bâkir, *early rising.* Lhudi: Bekôr, *being or rising early.* Bekôrâh, *primogeniture, first-born* (man or animal). Bĭkur, *first fruits.* Bĭkurŏh, *precacious, immaturely ripe.*

FERFER.—*Moveo, agito caudam;* (rafagħ), *animam ago, extremum spiritum reddo; to wag the tail, to waggle, to gasp; dimenare, palpitare, agitare la coda.* Qabbel il-Għarbi : Farfara, *to flap the wings, be unsteady, fickle.*

GERBEL.—Naddaf il-qamħ mill-karfa jew żwiel bil-pala jew bl-idejn. Qabbel il-Għarbi: Karbal, *to cleanse wheat.*

GEŻŻ.—Ħaleb irqiq-irqiq. *Squirt milk; schizzar latte,* unde *geżż,* merżuq ħalib, ġibda ħalib. Qabbel il-Għarbi: Każż, *to become dry, to contract a thing.*

GIFUN.—Tikħil fuq il-ħajt biex ma jidħolx l-ilma tax-xita. *Intonacatura.* Kanal għat-tisqija ta' l-ilma magħmul bit-tajn. Qabbel il-Għarbi : Ġafa, *to dry;* ġâff, *dry, dried up, dissicated.*

GIREX.—Taħan oħxon b'ħafna kxiekel, u minn hekk: *grixa,* granza, nuħħala tat-tieni tgħarbila; *grix,* jingħad ukoll b'xebh għat-tub ċkejken. Qabbel il-Għarbi: *Ġarax,* taħan oħxon, *to bray (wheat).* Ġuraxa, *wheat coarsely ground.* Lhudi: Geres, *contusus comminutus; beating, pounding* (corn either thrushed or reduced to flour).

HARHAR.—(attiv) Għamel ħajt fi stat li jista' jaqa', jinfetaħ jixxaqqaq. (Intrans.) Għal ħajt qadim li meta tħabbtu jurik mill-ħoss li mhux sħiħ u sod. *Muro reddo fatiscentem* Eż: Dan il-ħajt iharhar; aħjar tirfdu. Qabbel il-

Għarbi: *Harhar*, heżheż, riegħed, ċaqlaq; (nom) ħoss ta' ilma ġieri.

*ĦADAR.—Kien f'għors: kien ħemm: għamel ħsara kbira. *Adsum, praesens sum; sponsali solemnitati adsum. Damnum et quidem maximum alicui affero, noceo, etc.* Lhudi: *Ħĕdĕr*, (denom) *in penetralia usque penetrans*; għorfa ta' ġewwa; kamra tas-sodda; kamra ta' mara, ta' għarusa. Għarbi: *Ħadara*, inġama', tlaqqa'. *'Aħdar*, mar f'laqgħa; tħaddar (*to present oneself*).

ĦAFEN.—Ħa kemm tasa' l-id. Ħataf. Eż: Ħafnu minn qaddu. *Ħafna* (nom u avver.). Qabbel il-Għarbi. Ħafan, *to scoop up (sand, flour) with both hands.* 'Iħfan, *to pull up a tree.* Ħafna(h), *handful of (sand, etc.)*; *hollow, a little.* Lhudi: Ħ-P(h)-N (*ħâfŭnê*, constr.). *Both closed hands. Handful.* Ara l-Għarbi: *Ħafnon*, ponn ċkejken, keff; ħafna, *mensura duarum manuum, quantum iis capi potest.*

ĦALLAQ.—Qajjem l-aptit. Tħajjar iduq ukoll minn dak li ħaddieħor qed jiekol. Verb denominativ minn *ħalq*. *Ħluqi*, imxennaq li jduq minn dak jew mill-ieħor.

ĦALIEL.—Biċċa għodda ta' l-injam li biha l-moħriet jeħel mal-madmad huwa u jaħrat. Għarbi: *Ħilâl*, kavilja, witet ta' l-injam. Sarima ta' ġemel żgħir.

ĦAMĦAM.—Tkellem mill-imnieħer, Għarbi: *Ħamħam* (Marokk), gemgem, *murmur*, (Surija); (żiemel) żeher b'leħen ta' ksir il-qalb.

ĦANNEK.—(stienes). Xtaq jissieħeb, jitwennes b'ħaddieħor, żiegħel b'xi ħadd għall-ħsibijiet ta' rasu. Għarbi: Ħanaka, *intellexit rem.* Lhudi: Ħ-n-k (għerq). *Imbue, adapt person or thing, so as to become fitted for certain ends.*

ĦAWLI.—Art ramlija u tingħad għal art moħrara, xagħtrija. (fig.) *Mara ħawlija* (Caruana) li ma tnissilx, bħima ħawlija (idem). Ħaxixa li ma biddlitx postha; miżrugħa biss, mhux imħawla, bħal *kromp ħawli. Raba' ħawli*: art li għadha kif inħadmet. *Qoton ħawli*, ta' sena jew iżjed. Qabbel il-Għarbi: *Ħawli(jj)*, bħima ta' sena żmien; *Ħâjil* mara li ma tnissilx, *barren woman*; *'Aħwal*, tarbija ta' sena, *to be one year old (child)*. 'Aħâl, *to be one year old. Ħawla*, nissel kull sentejn (siġra). Lhudi: *Ħôwl*, ramel.

†ĦARAT.--Neħħa l-frieghi, il-weraq il-fdal tal-frott mis-siġra, l-iktar tal-għeneb. Minn *ħarat* tnisslet il-kelma *buħarrât*, ħanfus li jgerrem il-għeruq tal-pjanta. Ara l-Għarbi: (Freytag) Ħarata, *decorticavit*, *nudavit foliis*, etc. *Ħarat*, ġabar l-aħħar frott, l-iktar il-għeneb, qaċċat il-weraq (ta' siġra), naqqa l-għeneb.

ĦARFEX.—Ħadem imħaxlef; ħaxlef; *to cobble*; *acciabbattare*. Għarbi: Ħarfax, *faire incorrectement* (Dozy); raqqa' ż-żraben. (Surija) *Ħarfax*, ħallat ħaġa, ħallat (fil-kliem), *Ħirfîx*, għamara li ma tiswiex, griefex, laqx, karfa, rmoxk.

ĦARKUSA.—Sbula tax-xgħir jew qamħ li ssir sewda bil-mard.

†ĦARRAQ.—Jingħad għall-ilma li bil-qawwa tiegħu jħalli s-sinjali fl-art. *Ħarq* (nom). Qabbel il-Għarbi: *Ħaraq*, nexxa minn, (żejt, ilma), nifed, taqqab. *Ħarq* (Surija). xaqq, qasma.

ĦASSEL.—Kiseb ħaġa bi ħlas ta' bil-ftit il-ftit. Għarbi: *Ħasel*, kiseb, ġara, ħabat li; *to obtain*, *to result*, *to happen*. Bil-Malti: ħasel, *supersum*, *exto*, dan il-verb, fil-Malti, iktarx imur ma' ieħor u jfisser: *kien ġà*, *kellu ġà*, *ħabat li*, Eż: Merħba bik li ħsilt ġejt! (Lhudi) Ħasel: *Resecuit*, *cunsumptus fuit*. *Perducere ad finem*. (Għarbi, Alġerija, Ħassel, Cherb.) *produire*, *acquerir*, *obtenir*. Ħasila. *produit net*, *avantage*, *utilité*. (Tripli) Ħassal, taħsil, *ottenere*, *ottenimento*, *conseguimento*, *riscossione*, *ricavo*.

¶ ĦATAB, ĦOTOB.—Talab b'senserija, u minn din, *Ħuttâb*. Talab b'għarusa. Għarbi. *Ħatab*, talab mara b'għarusa. *Ħuttâb*, samsâr ta' żwieġ.

HEDDEM.—Sajjar fuq nar bâti. Qabbel il-Għarbi: Hadama, *concoxit cibum*. *To digest food*.

ĦEĠEM.—Kiel maħtuf; bala' l-ħobż. *In cibum ut in panem irruo*, *invado*, *voro*, *divoro*. Bil-Għarbi: *Ħaġam* tfisser: ħebb għal xi ħadd; daħal fuq xi ħadd għal għarrieda; ħabat, għal post; ġarraf (bini); ġibed (il-ħalib) sa l-aħħar qatra.

ĦEMSI.—Li jista' jnissel agumi, l-iktar ċiċri, u minn hekk il-kelma *ħemsija*. Verb denominativ: *ħemmes*, jagħmel l-agumi, ċiċri. *Ħommos*, Għarbi: *Ħimms*. (Surija), *Ħummus*.

ĦENDEM.—Ġarraf; qered; sajjar ħafna; *boil or cook to rags.*

†ĦEREF jew ĦOROF. — Naża' mill-weraq; naża' mir-rix biddel, ġedded ir-rix. Għarbi: Ħaraf, *decerpsit, to pluck fruits, to gather fruits.* Ħurf, *to be watered by autumnal rain, to produce autumnal herbage* (Hava). Lhudi: *Ħereph,* (Ħarifa) ġabar il-frott tal-ħarifa. (Fig.) Nażża' mill-ġieħ, mis-siwi.

ĦESREM.—Qares, nej, mhux misjur, jingħad l-iktar għall-għeneb. (Fig) Għadu ma laħaqx żmienu. Eż. Dan il-ħut għadu ħesrem. Miet ħesrem. Għarbi: Ħusrem, *fructus acerbus,* (Surija) *Ħasrama* (verb,) sar qares. *Ħisram,* kull frott li għadu nej, aħdar.

ĦETTEF.—Ħataf il-kliem, tkellem maħtuf.

ĦEŻŻA.—Ħadem, ħaffef u talla' f'ħin wieħed. *Ħeżża.* (nom), saħqa ta' ilma; xita qawwija nieżla f'daqqa. Ħidma kbira magħmula f'daqqa.

ĦIREK.—Qam kmieni, bakkar. *Ħierek* (nom aġent). Eż: Il-ħierek u l-bieżel jiftiehmu.

ĦODON.—Banda tal-ġisem bejn il-gerżuma u ż-żaqq. Ħoġor, u minn din, il-verb denominativ: *ħaddan. Pars inter axillas et interiores costas, qua quidem amplexamur et fovemus; quidquid amplexamur et gerimus inter brachia et pectus; manipulus herbarum, seu fasciculus quem brachio apprehendimus.* Għarbi: *Ħidn* u minn din, il-verb: *ħaddan,* ħa f'ħoġru, rabba' (tarbija), għannaq tarbija. (Surija) *Ħudna(h).*

*(Jissokta)*

A. C.

---

* *d,* dâd għarbija.

+ *ħ,* kha għarbija, *ch* ġermaniża f'*noch.*

¶ *ħ,* kha għarbija; *t* qawwija, *têt,* lhudija.